MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 306/2003

**Canadian Brothers Limited**
**vs**

**Charmaine Agius**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fil-5 ta' Frar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00), rapprezentanti import ta' kambjala, li skadiet fis-7 ta' Frar, 2000, u li ma gietx imhallsa, illi giet accettata mill-konvenuta favur is-socjeta` attrici;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-10 ta' Dicembru, 2002, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta mill-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deheret.**

**Semgha x-xhieda ta' Peter Azzopardi, Direttur tas-socjeta` attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00), bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Frar, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-10 ta' Dicembru, 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------